**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 144/2016 CFF**

**Mark Bugeja**
**Vs**
**James Sebastian Baldacchino**
**Anouska Baldacchino**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors Promutur ta' **Mark Bugeja** (KI 8390M) fejn espona:

Illi James Sebastian Baldacchino (KI 396297M) u Anouska Baldacchino (KI 261080M) li flimkien u solidalment sabiex iħallsu s-somma ta' sebat elef Ewro (7,000) minn prezz akbar ta' sebat elef u ħames mitt ewro (7500) miftiehem bejn il-kontendenti sabiex ir-rikorrenti iwettaq tiswijiet fil-vettura Land Rover mudell Range Rover HSE Sport bin-numru ta' reġistrazzjoni KBR 606, hekk kif inkarigat mill-intimat, u liema prezz bilanċjali jirrappreżenta għalhekk *labour u parts* u spejjez oħra nkorsi mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti esegwixxa l-inkarigu lilu mgħoti skont l-arti u s-sengħa u l-*parts* suppliti u wżati minnu kienu tajbin.

Bl-imgħaxijiet legali skont l-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data tal-preżentata tal-avviż odjern sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment kontra l-intimati, minn issa ġie ngunti għas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-konvenuti **James Sebastian Baldacchino u Anouska Baldacchino** datata 14 ta' Settembru 2016 li tinsab a fol 8 tal-proċess, fejn espona:

1. Illi t-talba hija infondati fil-fatt u bi dritt għaliex ix-xogħol illi sar minn Mark Bugeja mhux talli ma kienx skont l-arti u s-sena imma talli arreka dannu ingenti fuq il-vettura Range Rover HSE Sport bin-numru KBR 606.
2. Illi dwar il-ħsarat kawżati mill-istess Bugeja qed tiġi intavolata kawża quddiem il-Qorti kompetenti u għalhekk din il-kawża għandha tistenna l-eżitu tal-kawża fejn qed jiġi reklamati il-ħsarat ikkawżati lill-familja Baldacchino minħabba imperizja u traskuraġni da parti tal-istess Mark Bugeja
3. Salv eċċezzjonijiet oħra

Rat ix-xhieda tal-attur Mark Bugeja li xehed permezz ta' affidavit immarkat bħala dok RA1, semgħat ix-xhieda ta' James Sebastian Baldacchino, kif ukoll l-espert tekniku Natalino Agius.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè affidavit ta' Mark Bugeja immarkat bħala dok RA1, relazzjoni tal-espert tekniku Natalino Agius dok NA1.

**Ikkunsidrat:**

**Mark Bugeja** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li huwa jaħdem bħala mechanic u ilu jagħmel dan ix-xogħol aktar minn ħamsa u għoxrin sena u speċjalizzat fuq tiswijiet ta' Land Rover. Il-konvenuti kienu ġew għandu minħabba li kellhom Range Rover Sports li kienet sfat maħruqa. Meta l-konvenut ġie għandu talbu jekk l-istess vettura tistax tiġi irranġata u jekk iva jagħtih stima tax-xogħol. Illi wara li kien qalilhom li tista' tiġi irranġata ħadem stima li telgħet ghal 7,500 Euro. Illi wara li kien qalilhom ix-xogħol sejjer isir fiha, però ma kienx possibbli jkun jaf x'wassal għal ħruq minħabba l-fatt li huwa qatt ma kien ħadem fiha u lanqas kien jaf is-service history tagħha. Wara dan il-konvenut kien aċċetta li jsir ix-xogħol u kien sejjer wara jassikura l-istess vettura għal fully comprehensive. Wara li kienu ftehmu għal dan ix-xogħol, l-istess konvenut kien qallu dwar affarijiet oħra li xtaq jagħmel fuq il-vettura liema xogħol ma kellu x'jaqsam xejn mal-ħruq tal-vettura li kien qallu biex isewwi. Wara li kien biddel diversi parts, iż-żmien tax-xogħol kien dam madwar xahrejn. Wara dan kien anki uża l-vettura sabiex jara li kien kollox sew. Wara kien għamel xi testijiet fuq il-vettura sabiex jipprova jidentifika min

fejn seta' kien oriġina l-ħruq tal-vettura l-ewwel darba. Huwa esprima li l-ewwel darba li nħarqet seta' kienet fault jew minn sistema tal-vettura li ma kienitx inħarqet hi imma ikkaġunat ħruq f'xi parti oħra tal-vettura. Wara li kien lesta x-xogħol, żamma għal aktar testing u qatt ma deher li kien hemm xi faults fiha. Meta l-konvenuti ġew jiġbru l-istess vettura tahom żewġ kontijiet sabiex iħallsu iżda xi ġimgħatejn wara ġew għandu u wara reġa' eżamina l-istess vettura urew li kienu sodisfatti biex xogħol li kien sar. Fil-fatt kien ħallsu s-somma ta' 3,021.22 Euro tax-xogħol li kien sar kif ukoll is-somma ta' 500 bħala hlas akkont tal-ammont dovut dwar it-tiswijiet kaġunati mill-ħruq. Xi erba' ġimghat wara kien irċieva telefonata minn għand il-konvenut li ma kienx sejjer iħallsu tax-xogħol li kien għamel minħabba li l-istess vettura reġgħet inħarqet u dan minħabba li ma kienx għamel xogħol sew. Meta kien staqsieh biex Jgħidlu fejn ma kienx sar xogħol sew, dan baqa' ma wieġbux ħlief Jgħidlu li l-vettura ħadet in-nar.

**Sebastian James Baldacchino** xehed u ikkonferma li kien qabdu lill-attur sabiex jirranġalu l-vettura fejn kien hemm żewġ kontijiet wieħed ta' 3,500 Euro u l-ieħor 7,000 Ewro. Dan tal-ahhar kien ix-xogħol li jrid isir fiha minħabba l-ħruq li kienet garbet l-istess vettura. Wara li kienet inħarqet it-tieni darba, kien urieh biss ir-ritratti ta' kif kienet saret. Meta garbet il-ħsarat it-tieni darba huwa kkonferma li ma kien ġab lil hadd sabiex jara x'seta' kien fiha din il-vettura. Huwa kkonferma li kien ħallas parti minn dan il-kont ta' 3500 iżda baqa' jinsisti li ma jridx iħallas l-ammont ghax skont hu, l-attur ma kienx ra x'kienet eżatt il-problema. Illi l-vettura kienet biss inxurjata għat-triq biss u ghalhekk il-polza ma kienetx tkopri izda ma kien qabbad lil hadd biex jara l-vettura. Huwa kien fetaħ kawza kontra l-attur fuq l-istess haġa wara li l-attur fetah il-kawża kontrih.

Xehed ukoll **Natalino Agius** fejn ikkonferma ir-rapport li huwa kien għamel f'kawza ohra bl-ismijiet inversi fil-kawża 65/2017 LM.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ beda wara li l-konvenuti avvicinaw lill-attur sabiex jaħdem stima fuq il-vettura tagħhom tal-ghamla Range Rover HSE fuq xogħol sabiex jirranga wara li kienet ġarrbet hsarat. Illi minn dak li ntqal mill-istess attur, huwa kien hejja din l-istima u huma kienu aċċettaw li jibda x-xoghol li dam kważi xahrejn ghaddej. Wara li kien lesta x-xogħol beda jara li kien kollox sew iżda ma rriżulta xejn jekk kellhiex xi faults partikolari. Il-konvenuti ħallsu l-ammont ta' 3500 Euro ta' xogħol iehor li kellha bzonn iżda ma kienx marbut mal-ħsara tal-hruq li kien sehh l-ewwel darba. Illi fuq il-kont ta' 7500 Euro tax-xogħol konness mal-hruq kienu ħallsuh biss is-somma ta' 500 Euro. Gara li ftit ġimghat wara li hadu l-vettura, kien ċempillu l-konvenut Sebastian

James Baldacchino fejn kien qallu li ma kienx sejjer iħallsu minhabba li regghet spiċċat mahruqa l-vettura. Huwa beda jwahhal fih li ma kienx għamel xoghol tajjeb fiha u għalhekk ma kienx sejjer iħallsu. Minn naħa tal-konvenut meta xehed ma kienx ta ebda raġuni ghala x-xoghol ma kienx sar tajjeb iżda biss ikkonferma li għal dak l-ammont ta' prezz li kellu jħallas ma kienx jippretendi li ftit ġimghat wara tinharaq din il-vettura.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti għandha quddiema rapport ta' espert maħtur li ezamina din il-vettura u ikkonkluda dwar i-fatti tal-kaz. Illi l-ħsieb ta' din il-kawza huwa li jekk l-istess attur għamilx ix-xoghol li huwa kien imqabbad li jagħmel skont il-hila u s-sengħa tieghu u l-kagun tal-ħruq fit-tieni okkazjoni tal-vettura kienx dan in-nuqqas. Illi minn dak li qalu l-kontendenti f'din il-kawża hemm divergenzi bejniethom fejn l-attur ovvjament jgħid li huwa mexa bil-ħila u s-sengha sabiex jirranġa l-istess vettura. Waqt li l-konvenut jgħid li l-attur ma għamilx xoghol sew izda ma jagħti ebda spjegazzjoni f'hiex kien jikkonsisti dan in-nuqqas.

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konkluzzjoni trid tifli r-rapport magħmul mill-espert tekniku li ġie mqabbad mill-Qorti u maqbul miż-żewġ partijiet li jesebixxi kopja tar-relazzjoni tiegħu li huwa ghamel f'kawża ohra bl-ismijiet inversi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti minn dak li qrat mix-xhieda tal-istess partijiet ma tistax tasal għal konkluzjoni jekk fil-fatt ix-xogħol sarx hazin jew tajjeb. Illi għalhekk il-Qorti trid tifli r-rapport magħmul mill-espert tekniku Natalino Agius li sema kemm il-partijiet u ra l-istess vettura fl-istat li kienet. Illi din il-Qorti tgħid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konklużjonijiet ta' natura teknika ta' perit maħtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-każ tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti għall-ġudikant biex ikun jista' jasal għad-deċiżjoni tieghu. Dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li:

> *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest*

> *mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et" –** il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet:

> *"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti tal-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir "*b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.** Ghalhekk 'in fin' `dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999**; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tgħid li l-mertu tal-kawża tal-lum huwa prinċipalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet tekniċi, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tiegħu, l-espert ra l-istess vettura kif ukoll sema l-partijiet. Illi l-istess espert fil-konklużjonijiet tiegħu semma li fil-fatt ma kien hemm xejn li jista' jikkonkludi li l-attur ma mexiex skont il-ħila u s-sengħa meta irranġa l-istess vettura. Din

il-Qorti tqis raġonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-istess espert fil-konklużjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet fondati għaliex għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjonijiet tal-espert u cioè li x-xogħol kien sar skont il-hila u s-sengħa.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista" –**

> **"***ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attur Mark Bugeja u tikkundanna lil James Sebastian Baldacchino u Anouska Baldacchino jħallsu lill-istess attur Mark Bugeja s-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża u ċioe' mill-24 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-konvenuti.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**